# FAQ dwar ir-rappurtar tad-dejta tal-ODS

## Mistoqsijiet Frekwenti

**Verżjoni:** Jannar 2014

## Introduzzjoni

Fl-Unjoni Ewropea (UE), l-użu u l-kummerċ ta' sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ODS) huma rregolati mir-Regolament tal-UE (KE) 1005/2009 (Regolament dwar l-ODS) (KE, 2009). Dan ir-regolament jistipula li kull kumpanija li tipproduċi, timporta u/jew tesporta fl-UE, li hija utent tal-materja prima, utent tal-aġenti tal-ipproċessar u faċilità ta' distruzzjoni jridu kull sena jirrappurtaw dwar l-attivitajiet tagħhom fir-rigward tas-sustanzi kkontrollati. Ir-Regolament dwar l-ODS jestendi wkoll għal ħames sustanzi addizzjonali li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-ożonu - (sustanzi ġodda) għall-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi.

L-Artikolu (27) tar-Regolament jirrikjedi lill-kumpaniji li jipproduċu u/jew jimportaw u/jew jesportaw u/jew jeqirdu u/jew jużaw ODS bħala materja prima/aġenti tal-ipproċessar biex jibagħtu rapport sal-31 ta' Marzu kull sena li jkopri s-sena kalendarja ta' qabel. Il-format għar-rapport kien stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea bl-għajnuna ta' kumitat ta' ġestjoni magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri skont il-proċedura ta' ġestjoni fl-Artikolu 25(2) tar-regolament dwar l-ODS.

Il-kumpaniji jridu jippreżentaw ir-rapport tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea u jibagħtu l-istess informazzjoni lill-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru rilevanti. Sabiex jagħmlu dan, il-kumpaniji jridu jużaw is-sistema tar-Repożitorju tad-Dejta tan-Negozji (BDR) li hija mmaniġġjata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Fil-manwal tal-BDR hemm id-dettalji dwar kif jintuża l-BDR, inkluż l-Anness II, fejn hemm gwida kompleta dwar kif għandu jimtela l-kwestjonarju dwar l-ODS.

Dan id-dokument fih it-tweġibiet għall-mistoqsijiet frekwenti mill-partijiet interessati dwar l-obbligi tar-rappurtar. Għandu l-għan li jservi ta' gwida għal dawk l-entitajiet li huma suġġetti għar-rekwiżiti tar-rappurtar mingħajr ħsara għall-obbligi li jinsabu fir-Regolamenti.

Dan id-dokumenti ma għandux jittieħed bħala li għandu status legali.

European Environment Agency

**Ringrazzjamenti**

Id-dokument dwar il-Mistoqsijiet Frekwenti tal-ODS (FAQ dwar l-ODS) ġie ppreparat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) abbażi tal-manwal dwar ir-rappurtar tal-ODS preċedenti ta' DĠ CLIMA. Iċ-Ċentru Tematiku Ewropew għall-Mitigazzjoni tal-Arja u l-Klima (ETC/ACM) tal-EEA pprovda kontribut sostanzjali għall-iżvilupp ta' dan id-dokument.

L-EEA tirringrazzja b'mod partikolari lil Tom Dauwe ta' ETC/ACM, VITO, il-Belġju għall-kontribut tiegħu.

# 1 Kontenut

FAQ dwar ir-rappurtar tad-dejta tal-ODS ........ 1
Mistoqsijiet Frekwenti ........ 1
Introduzzjoni ........ 1
Ringrazzjamenti ........ 2
1 Kontenut ........ 3
2 X'għandu jiġi rrappurtat (Definizzjonijiet)? ........ 5
2.1 Liema gassijiet huma ODS? ........ 5
2.2 X'inhu l-Potenzjal li Jnaqqas l-Ożonu? ........ 5
2.3 X'għandu jiġi rrappurtat fil-każ tal-preparazzjonijiet (taħlitiet)? ........ 5
2.4 X'titqies bħala "produzzjoni" skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament dwar l-ODS? 5
2.5 Għandi nirrapporta l-"produzzjoni sekondarja"? ........ 5
2.6 X'jitqiesu bħala "Importazzjonijiet/Esportazzjonijiet" skont l-Artikoli 27(3) u 27(4) tar-Regolament dwar l-ODS? ........ 6
3 Min irid jirrapporta? ........ 6
3.1 Aħna rrappurtajna s-sena l-oħra skont ir-Regolament dwar l-ODS, iżda l-kumpanija tagħna ma kienet involuta fl-ebda attività rilventi waqt is-sena tar-rappurtar attwali. Xorta rridu nirrappurtaw? ........ 6
3.2 Il-kumpanija tagħna għandha diversi faċilitajiet. Min irid jirrapporta? ........ 6
3.3 Aħna ssottomettejna rapport skont ir-Regolament dwar l-ODS (1005/2009). Irridu nissottomettu wkoll skont ir-Regolament dwar il-Gass-F (842/2006)? ........ 6
3.4 Aħna għandna tranżazzjonijiet ma' kumpaniji oħra. Xorta għandna nirrappurtaw? ........ 7
3.5 Il-kumpanija tagħna titqies bħala importatur jew esportatur? ........ 7
3.6 Il-kumpanija tagħna hija faċilità ta' distruzzjoni. Xorta għandna nirrappurtaw (l-Artikolu 27(5))? ........ 7
3.7 Aħna użajna sustanzi kkontrollati bħala materja prima jew aġent tal-ipproċessar matul is-sena tar-rappurtar (l-Artikolu 27(6) tar-Regolament dwar l-ODS). Xorta għandna nirrappurtaw? ........ 7
4 Meta u kif għandu jsir ir-rapport? ........ 8
4.1 Hemm formola standard tar-rappurtar? ........ 8
4.2 Meta u kif għandi nibgħat ir-rapport? ........ 8
4.3 Meta għandi nirrapporta? ........ 8
4.4 Kif nistgħu nirrappurtaw ODS li nieħdu lura mingħand konsumatur jew li jintbagħtu lura lill-fornitur? ........ 8
4.5 Kif għandna nirrappurtaw il-kwantitajiet? ........ 9
4.6 Kif għandi nimla l-formoli għall-istokkijiet? ........ 9
4.7 Id-dejta rappurtata hija kummerċjalment sensittiva. Kif se tiġi ttrattata? ........ 9

4.8 Ir-rapport tas-sena tar-rappurtar ta' qabel mhuwiex korrett. Għandi nissottometti mill-ġdid dan ir-rapport? ................................................................. 9
Anness I: Lista ta' Sustanzi li Jnaqqsu l-Ożonu koperti mir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 ........... 10

# 2 X'għandu jiġi rrappurtat (Definizzjonijiet)?

### *2.1 Liema gassijiet huma ODS?*

Is-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu (ODS) huma grupp ta' sustanzi li, meta jiġu rrilaxxati fl-arja, jnaqqsu l-livelli stratosferiċi tal-ożonu. L-użu u l-produzzjoni tal-biċċa l-kbira tal-ODS huma rregolati skont il-Protokoll ta' Montréal. Dawn is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi kkontrollati u huma suġġetti għall-obbligu tar-rappurtar tal-kumpaniji skont l-Artikolu 27 tar-Regolament 1005/2009 (ir-Regolament dwar l-ODS). Is-sustanzi kkontrollati jinqasmu f'9 gruppi: CFC's, CFC's oħrajn, aloni, CTC, TCA, MB, HBFC's, HCFC's u BCM. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-ODS jistipula obbligi tar-rappurtar għal 5 sustanzi oħra, meqjusa bħala sustanzi ġodda. Għal lista tas-sustanzi kollha li huma koperti mir-Regolament dwar l-ODS, ara l-Anness I.

### *2.2 X'inhu l-Potenzjal li Jnaqqas l-Ożonu?*

Mhux l-ODS kollha għandhom l-istess effett fuq it-tnaqqis tal-ożonu stratosferiku. Biex jitqiesu dawn id-differenzi fost is-sustanzi individwali, dawn jingħataw Potenzjal li Jnaqqas l-Ożonu tal-ODP. Dan l-ODP huwa l-ammont relattiv tal-effett li se jkollha s-sustanza meta mqabbel mal-effett tas-CFC-11. L-alon-1301, pereżempju, għandu ODP ta' 10, li jfisser li meta tiġi rrilaxxata kwantità ta' alon-1301 fl-atmosfera l-impatt se jkun 10 darbiet akbar mir-rilaxx tal-istess kwantità ta' CFC-11. Il-valur ODP għas-sustanzi kollha huwa wkoll inkluż fl-Anness I.

### *2.3 X'għandu jiġi rrappurtat fil-każ tal-preparazzjonijiet (taħlitiet)?*

Fil-każ tat-taħlitiet irrapporta biss il-porzjon tas-sustanza individwali. Eżempju: 10 kg ta' taħlita li fiha 80% CTC u 20% ta' sustanza li ma tnaqqasx l-ożonu għandha tiġi rrappurtanta bħala "8 kg CTC".

### *2.4 X'titqies bħala "produzzjoni" skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament dwar l-ODS?*

Għandek tirrapporta l-produzzjoni matul is-sena tar-rappurtar jekk inti:

- ipproduċejt kwalunkwe sustanza kontrollata
- ipproduċejt kwalunkwe sustanza ġdida
- kien għad fadallek l-istokkijiet li rriżultaw mill-produzzjoni tiegħek fis-sena ta' qabel

Dan l-obbligu jkopri kull tip ta' produzzjoni inkluża l-produzzjoni sekondarja mhux intenzjonata.

Innota li m'għandikx għalfejn tirrapporta bħala produttur fil-kaxxi msemmija hawn fuq imma għandek tissottometti rapport vojt ("NIL") fil-każijiet li ġejjin:

- irrappurtajt fis-snin ta' qabel iżda ma pproduċejtx matul is-sena tar-rappurtar u ma għadx għandek stokkijiet, jew
- waqqaft il-produzzjoni u kull kummerċ ta' sustanzi kkontrollati jew ġodda b'mod permanenti u ma għadx għandek stokkijiet.

### *2.5 Għandi nirrapporta l-"produzzjoni sekondarja"?*

M'għandikx għalfejn tirrapporta l-produzzjoni sekonarja ta' ammonti insinifikanti li jiġu rrilaxxati totalment jew jibqgħu bħala traċċi fil-prodott finali tiegħek (fejn l-emissjonijiet jew ir-residwi jkunu skont il-leġiżlazzjoni applikabbli). Innota li l-emissjonijiet tal-aktar sustanzi kkontrollati wkoll iridu jiġu rrappurtati lir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (E-PRTR) skont ir-Regolament (KE) 166/2006.

Bħala regola ġenerali, produzzjoni sekondarja mhux intenzjonata li hija suġġetta għar-rappurtar ġeneralment tirrigwarda volumi li jitneħħew miċ-ċiklu tal-proċess u, tal-anqas b'mod temporanju, jinħażnu (eż. f'tank kumpensatur) qabel ma jinqerdu, jintużaw, jitqiegħdu fis-suq jew jintbagħtu għad-distruzzjoni f'faċilità barra s-sit tal-produzzjoni.

### *2.6 X'jitqiesu bħala "Importazzjonijiet/Esportazzjonijiet" skont l-Artikoli 27(3) u 27(4) tar-Regolament dwar l-ODS?*

Dan l-obbligu tar-rappurtar ikopri kull tip ta' importazzjoni jew esportazzjoni ta' sustanzi kkontrollati u ġodda suġġetti għal kwalunkwe proċedura tad-dwana, inklużi l-importazzjonijiet temporanji bħall-ipproċċessar attiv jew it-tranżitu.

Għandek tirrapporta jekk matul is-sena tar-rappurtar inti:

- importajt jew esportajt kwalunkwe sustanza kkontrollata
- importajt jew esportajt kwalunkwe sustanza ġdida
- importajt jew esportajt fis-snin ta' qabel u għad għandek xi stokkijiet.

Innota li ma għandikx tirrapporta bħala importatur/esportatur fil-kaxxi msemmija hawn fuq iżda għandek tibgħat rapport vojt ("NIL") fil-każijiet li ġejjin:

- xtrajt sustanzi kkontrollati jew ġodda biss minn kumpanija bbażata fl-UE u begħt biss lil kumpaniji oħra bbażati fl-UE, ma importajtx jew esportajtx int stess, importajt jew esportajt biss prodotti jew tagħmir li fih jew li jiddependi fuq sustanzi kkontrollati jew ġodda (eż. apparat tat-tifi tan-nar, inġenji tal-ajru).
- importajt jew esportajt sustanzi jew taħlitiet li fihom l-ODS biss bħala traċċi ta' impuritajiet li teknikament ma jistgħux jiġu evitati u li mhumiex mixtieqa.
- irrappurtajt fis-snin ta' qabel iżda ma importajtx jew esportajtx matul is-sena tar-rappurtar u ma għadx għandek stokkijiet.
- waqqaft il-kummerċ ta' sustanzi kkontrollati jew ġodda b'mod permanenti u ma għadx għandek stokkijiet.

## 3 Min irid jirrapporta?

Normalment kumpanija individwali hija koperta biss minn obbligu wieħed tar-rappurtar. Fil-passat kien hemm każijiet fejn kien jeħtieġ li tissottometti aktar minn rapport wieħed iżda issa dan isir awtomatikament hekk kif tagħżel il-kaxxi rispettivi fil-parti "Informazzjoni dwar il-Kumpanija" fil-kwestjonarju onlajn disponibbli fil-BDR.

### *3.1 Aħna rrappurtajna s-sena l-oħra skont ir-Regolament dwar l-ODS, iżda l-kumpanija tagħna ma kienet involuta fl-ebda attività rilventi waqt is-sena tar-rappurtar attwali. Xorta rridu nirrappurtaw?*

Fil-każ li ma kontux involuti f'attivitajiet rilevanti matul is-sena tar-rappurtar speċifika jew importajtu/esportajtu biss prodotti u tagħmir li fih jew jiddependi fuq sustanza kkontrollata jew ġdida (eż. apparat għat-tifi tan-nar, inġenji tal-ajru) intom għandkom timlew u tissottomettu kwestjonarju tar-rappurtar NIL fil-BDR (ara wkoll l-Anness I tal-manwal tal-BDR)

### *3.2 Il-kumpanija tagħna għandha diversi faċilitajiet. Min irid jirrapporta?*

Rapport għandu jkun fih biss dejta mingħand kumpanija individwali (jiġifieri entità legali waħda). Tissottomettux rapport ikkumbinat li jinkludi dejta ta' kumpaniji oħra, bħal sussidjarji jew kumpaniji oħt. Fejn kumpanija għandha diversi siti fi Stat Membru wieħed tistgħu tissottomettu rapport ikkumbinat li jkopri s-siti kollha ta' dik il-kumpanija fl-Istat Membru. Fejn kumpanija għandha siti f'aktar minn Stat Membru wieħed għandkom tissottomettu rapporti individwali għal kull Stat Membru.

### *3.3 Aħna ssottomettejna rapport skont ir-Regolament dwar l-ODS (1005/2009). Irridu nissottomettu wkoll skont ir-Regolament dwar il-Gass-F (842/2006)?*

Ir-Regolament dwar l-ODS u r-Regolament dwar l-Gass-F għandhom rekwiżiti differenti tar-rappurtar u japplikaw għal sustanzi differenti. Jekk il-kumpanija tagħkom tissodisfa l-kriterji għas-sottomissjoni tar-rapporti dwar il-gassijiet-F (HFCs, PFCs, $SF_6$), irid jiġi ppreżentat ukoll rapport separat permezz tal-BDR.

### *3.4 Aħna għandna tranżazzjonijiet ma' kumpaniji oħra. Xorta għandna nirrappurtaw?*

Tirrapporta ebda produzzjoni, importazzjoni jew esportazzjoni li ma kinitx imwettqa mill-kumpanija tagħkom stess. Pereżempju, jekk ittrasferejtu kwota lil kumpanija oħra m'hemmx bżonn li tirrappurtaw il-produzzjoni korrispondenti. Jekk begħtu jew tajtu sustanzi lil kumpanija oħra għal esportazzjoni sussegwenti, dawk l-esportazzjonijiet għandhom jiġu rrappurtati mill-kumpanija li effettivament wettqet l-esportazzjoni.

### *3.5 Il-kumpanija tagħna titqies bħala importatur jew esportatur?*

Il-kumpaniji jitqiesu li huma importaturi jew esportaturi biss jekk jimportaw jew jesportaw l-ODS minn/lejn pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea (UE)[1].

Il-kumpaniji ma jitqisux li huma importaturi/esportaturi jekk huma jixtru jew ibigħu l-ODS biss lil kumpaniji fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. It-trasport bejn l-Istati Membri tal-UE ma jitqisx bħala importazzjoni/esportazzjoni.

Il-kummerċ ma' territorji speċifiċi li mhumiex parti mill-UE jitqies bħala importazzjoni/importazzjoni. F'każijiet ta' dubju għandek tikkuntattja lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tiegħek jew lill-entità nnominata mill-Kummissjoni Ewropea. Lista tal-punti ta' kuntatt tal-Istati Membri tinsab fiċ-Ċentru ta' Riżorsi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (CIRCABC)[2] tal-Kummissjoni Ewropea.

### *3.6 Il-kumpanija tagħna hija faċilità ta' distruzzjoni. Xorta għandna nirrappurtaw (l-Artikolu 27(5))?*

Tridu tirrappurtaw skont l-Artikolu 27(5) jekk, matul is-sena tar-rappurtar, il-kumpanija tagħkom qerdet skart li kien fih sustanzi kkontrollati li kien ġej minn entitajiet legali oħra jew qerdet sustanzi kkontrollati mill-produzzjoni tagħha stess (eż. produzzjoni sekondarja mhux intenzjonata)

Ma għandkomx tirrapportaw skont l-Artikolu 27(5) jekk intom:

- qridtu biss sustanzi ġodda (Alon 1202, n-PB, EB, TFMI u MC)
- ma teqirdux skart, eż. jekk intom qegħdin biss tiġbru jew taħżnu l-iskart biex aktar tard tgħadduh lill-faċilitajiet ta' distruzzjoni
- teqirdu l-iskart li fih sustanzi kkontrollati biss fi traċċi ta' impuritajiet li teknikament ma jistgħux jiġu evitati u mhumiex mixtieqa.

### *3.7 Aħna użajna sustanzi kkontrollati bħala materja prima jew aġent tal-ipproċessar matul is-sena tar-rappurtar (l-Artikolu 27(6) tar-Regolament dwar l-ODS). Xorta għandna nirrappurtaw?*

Għandkom tirrappurtaw skont l-Artikolu 27(6) jekk użajtu sustanzi kkontrollati bħala materja prima jew aġent tal-ipproċċessar matul is-sena tar-rappurtar. Ma għandkomx tirrappurtaw l-użu ta' sustanzi ġodda (Alon 1201, n-PB, EB, TFMI u MC).

Ma għandkomx timmarkaw l-"Użu bħala materja prima" u/jew "Użu bħala Aġent tal-Ipproċċessar" fil-każijiet li ġejjin:

- Irrappurtajtu dwar użijiet bħala materja prima jew aġent tal-ipproċessar fis-snin ta' qabel iżda ma użajtu ebda sustanza kkontrollata din is-sena. Madankollu, fil-każ li fadlilkom l-istokkijiet, xorta hemm il-bżonn li tissottomettu rapport għal dawn l-istokkijiet.

---

[1] It-28 Stat Membru tal-UE huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Isvezja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija.

[2] https://circabc.europa.eu/w/browse/91661b30-3bd7-4b25-b083-dbc64092175c

- Waqqaftu l-użu ta' sustanzi kkontrollati bħala materja prima jew aġent tal-ipproċessar b'mod permanenti. F'dan il-każ għandkom timlew u tissottomettu kwestjonarju tar-rappurtar NIL fil-BDR (ara wkoll l-Anness I tal-manwal tal-BDR).

## 4 Meta u kif għandu jsir ir-rapport?

### *4.1 Hemm formola standard tar-rappurtar?*

Il-format tar-rapporti huwa stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kumitat ta' ġestjoni. Ir-rappurtar permezz tal-kwestjonarju onlajn li jinsab fil-BDR tal-EEA (ara l-mistoqsija 4.2) jiżgura l-użu tal-format korrett tar-rappurtar.

### *4.2 Meta u kif għandi nibgħat ir-rapport?*

Int teħtieġ tissottometti r-rapporti kollha tiegħek b'mod elettroniku bl-użu tal-kwestjonarju onlajn disponibbli fir-Repositorju tad-Dejta tan-Negozju (BDR). Il-BDR hija sistema tar-rappurtar elettronika onlajn immaniġġjata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Din is-sistema ġiet żviluppata speċifikament għall-ipproċessar ta' informazzjoni kunfidenzjali.

L-użu tal-BDR għas-sottomissjoni tar-rapporti għandu għadd ta' vantaġġi:

- Il-BDR hija sistema aktar sigura mill-posta elettronika. Toffri protezzjoni aħjar kontra l-interċettazzjoni u t-telf tad-dejta.
- M'hemmx bżonn li ssir aktar minn sottomissjoni waħda peress li l-partijiet interessati (DĠ Clima, l-EEA, l-awtoritajiet kompetenti) kollha għandhom aċċess għall-BDR.
- Il-kwestjonarju onlajn disponibbli fuq il-pjattaforma tal-BDR jagħtik l-opportunità twettaq kontrolli tal-kwalità matul ir-rappurtar kif ukoll waqt is-sottomissjoni. Dan se jgħinek tikkoreġi kull żball qabel ma tippreżenta r-rapport tal-kumpanija tiegħek.
- Is-sistema tal-BDR hija trasparenti u traċċabbli filwaqt li tiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni tar-rappurtar. Il-partijiet interessati kollha għandhom aċċess għall-istess livell ta' informazzjoni. Fil-BDR tista' wkoll tara r-rapporti sottomessi preċedentement mill-kumpanija tiegħek.

Meta tuża l-BDR ma għadx hemm il-ħtieġa li tibgħat kopji tar-rapport tiegħek lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tiegħek. Huma jistgħu jaċċessaw id-dejta sottomessa lill-EEA u b'hekk il-preżentazzjoni lill-EEA titqies ukoll awtomatikament bħala sottomissjoni lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istat Membru tiegħek.

Madankollu, fil-każ ta' komunikazzjoni addizzjonali permezz tal-posta elettronika mal-EEA, inti tista' tkun tixtieq tibgħat kopja lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tiegħek biex tiffaċilita l-assistenza tagħhom.

Ir-rapporti kollha għandhom jiġu ppreżentati elettronikament, bl-użu tal-kwestjonarju onlajn li hu disponibbli fil-pjattaforma tal-BDR. Tissottomettix kopji stampati. M'hemmx bżonn li l-formoli jkunu ffirmati jew akkumpanjati minn xi provi - int se tirċievi konferma awtomatika wara sottomissjoni b'suċċess. Fil-każ improbabbli li jkun hemm kwistjonijiet gravi int se tkun mitlub b'mod formali sabiex tipprovdi informazzjoni addizzjonali fi stadju aktar tard.

Għal aktar informazzjoni dwar kif tirrapporta bl-użu tal-BDR, int imħeġġeġ taqra l-manwal tal-BDR.

### *4.3 Meta għandi nirrapporta?*

Għandek tissottometti r-rapporti tiegħek qabel il-31 ta' Marzu ta' kull sena kif meħtieġ mill-Artikolu 27(1) tar-Regolament. Jekk ma tissottomettix ir-rapport tiegħek jew tissottomettih wara d-data indikata jiġu infurmati l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tiegħek b'dan u jistgħu joħorġu multa.

### *4.4 Kif nistgħu nirrappurtaw ODS li nieħdu lura mingħand konsumatur jew li jintbagħtu lura lill-fornitur?*

Irrappurtaw kull kwantità li ġiet esportata u importata mill-ġdid, eż. wara lment minn konsumatur, bħala importazzjonijiet normali, peress li dawn ukoll huma suġġetti għal-liċenzjar. Tnaqqsux dawn il-

kwantitajiet mill-esportazzjonijiet totali. L-istess japplika għal kull kwantità esportata mill-ġdid wara importazzjoni. Irrappurtaw kull kwantità li titqiegħed fuq is-suq Ewropew u tintbagħat lura lilkom, bħala "mixtrija" jew "miksuba mill-UE". Tnaqqsux dawn il-kwantitajiet mill-figuri tal-bejgħ tagħkom. L-istess japplika kif xieraq jekk irritornajtu kwantitajiet lill-fornitur tagħkom fl-UE.

### *4.5 Kif għandna nirrappurtaw il-kwantitajiet?*

M'hemm ebda livell limitu għall-ammonti żgħar. Għandkom tirrappurtaw il-kwantitajiet kollha. Madankollu, għar-rappurtar dejjem għandkom tarrondaw il-figura 'l fuq għall-kilogramm li jkun imiss. Irrappurtaw il-figuri kollha f'kilogrammi metriċi bi preċiżjoni ta' ± 1 kg. Pereżempju, l-importazzjoni ta' 50.1 kg (ħamsin kilogramm u mitt gramm) għandha tiġi rrappurtata bħala 51 kilogramm. Għal raġunijiet ta' ċarezza tużax virgoli, punti jew spazji (eż. biex tissepera l-eluf). Mhux se jiġu aċċettati formoli bi fformattjar bħal dan.

### *4.6 Kif għandi nimla l-formoli għall-istokkijiet?*

Il-formoli tar-rappurtar jeħtieġu informazzjoni dwar l-istokkijiet (il-kwantitajiet) ta' ODS li kellha l-kumpanija tiegħek fil-bidu (l-1 ta' Jannar) sal-aħħar (il-31 ta' Diċembru) tas-sena kalendarja li tkun qed tirrapporta dwarha (it-Tabella 8). Innota li jekk il-kumpanija tiegħek għad fadlilha l-istokkijiet fil-bidu u/jew fl-aħħar tas-sena tar-rappurtar relatati ma' attivitajiet li huma suġġetti għall-obbligu tar-rappurtar (jiġifieri importazzjoni, esportazzjoni, produzzjoni, użu bħala materja prima, użu bħala aġent tal-ipproċessar u/jew distruzzjoni), dawn il-kwantitajiet iridu jiġu rrappurtati anke jekk il-kumpanija tiegħek ma importatx, esportatx, produċietx, użat bħala materja prima jew aġent tal-ipproċessar u/jew ma qerditx ODS.

Il-produtturi jridu wkoll jirrappuraw il-kwantitajiet kollha tal-istokkijiet maħżuna ta' ODS għall-użu bħala materja prima fl-aħħar tas-sena, b'distinzjoni bejn l-użu bħala materja prima biex titqiegħed fis-suq tal-UE u użu bħala materja prima għall-esportazzjoni. Kwantitajiet ta' stokkijiet maħżuna huma kwantitajiet ta' ODS li ġew prodotti għall-użu bħala materja prima fis-sena tar-rappurtar iżda ma ntużawx, ma tqegħdux fis-suq u/jew ma ġewx esportati matul is-sena tar-rappurtar iżda nżammu mill-kumpanija tiegħek fl-aħħar tas-sena (il-31 ta' Diċembru).

### *4.7 Id-dejta rappurtata hija kummerċjalment sensittiva. Kif se tiġi ttrattata?*

Il-Kummissjoni u l-EEA stabbilixxew proċeduri biex jiżguraw li d-dejta kollha li tirrigwarda l-kumpaniji individwali tinżamm strettament kunfidenzjali. Id-dejta mhux analizzata hija rreġistrata f'bażi tad-dejta kunfidenzjali u analizzata mill-Kummissjoni, l-awtorità magħżula tal-Istat Membru u l-EEA.

Ebda informazzjoni speċifika skont il-kumpanija ma tinkixef mal-pubbliku, id-dejta kollha tal-kumpaniji hija aggregata f'rapporti sommarji qabel ma tiġi disponibbli għall-pubbliku filwaqt li tiġi rispettata regola tal-kunfidenzjalità ta' 3-kumpaniji.

### *4.8 Ir-rapport tas-sena tar-rappurtar ta' qabel mhuwiex korrett. Għandi nissottometti mill-ġdid dan ir-rapport?*

Il-kumpaniji kollha huma mħeġġa jbiddlu r-rapport tas-snin tar-rappurtar ta' qabel, jekk dawn għandhom jiġu rriveduti. Il-kwestjonarju onlajn jista' jintuża biex jikkoreġi jew jissottemitti mill-ġdid ir-rapporti. F'dan il-każ, kun żgur li s-sena tat-tranżazzjoni hija mdaħħla b'mod korrett, kemm fuq l-invilopp kif ukoll fil-kwestjonarju.

## Anness I: Lista ta' Sustanzi li Jnaqqsu l-Ożonu koperti mir-Regolament (KE) Nru 1005/2009

| Grupp | Sustanza | | | ODP |
|---|---|---|---|---|
| Grupp I (CFC's) | $CFCl_3$ | CFC-11 | Triklorofluworometan | 1 |
| | $CF_2Cl_2$ | CFC-12 | Diklorofluworometan | 1 |
| | $C_2F_3Cl_3$ | CFC-113 | Triklorotrifluworoetan | 0,8 |
| | $C_2F_4Cl_2$ | CFC-114 | Diklorotetrafluworoetan | 1 |
| | $C_2F_5Cl$ | CFC-115 | Kloropentafluworoetan | 0,6 |
| Grupp II (CFC's oħrajn) | $CF_3Cl$ | CFC-13 | Klorotrifluworometan | 1 |
| | $C_2FCl_5$ | CFC-111 | Pentaklorofluworoetan | 1 |
| | $C_2F_2Cl_4$ | CFC-112 | Tetraklorodifluworoetan | 1 |
| | $C_3FCl_7$ | CFC-211 | Ettaklorofluworopropan | 1 |
| | $C_3F_2Cl_6$ | CFC-212 | Eżaklorodifluworopropan | 1 |
| | $C_3F_3Cl_5$ | CFC-213 | Pentaklorotrifluworopropon | 1 |
| | $C_3F_4Cl_4$ | CFC-214 | Tetraklorotetrafluworopropan | 1 |
| | $C_3F_5Cl_3$ | CFC-215 | Trikloropentafluworopropan | 1 |
| | $C_3F_6Cl_2$ | CFC-216 | Dikloroeżafluworopropan | 1 |
| | $C_3F_7Cl$ | CFC-217 | Kloroettafluworopropan | 1 |
| Grupp III (aloni) | $CF_2BrCl$ | alon-1211 | Bromoklorodifluworometan | 3 |
| | $CF_3Br$ | alon-1301 | Bromotrifluworometan | 10 |
| | $C_2F_4Br_2$ | alon-2402 | Dibromotetrafluworoetan | 6 |
| Grupp IV (CTC) | $CCl_4$ | CTC | Tetraklorometan (tetraklorur tal-karbonju) | 1,1 |
| Grupp V (TCA) | $C_2H_3Cl_3$ (2) | 1,1,1-TCA | 1,1,1-Trikloroetan (metilkloroform) | 0,1 |
| Grupp IV (MB) | $CH_3Br$ | bromur tal-metil | Bromometan | 0,6 |
| Grupp VII (HBFC's) | $CHFBr_2$ | HBFC-21 B2 | Dibromofluworometan | 1 |
| | $CHF_2Br$ | HBFC-22 B1 | Bromodifluworometan | 0,74 |
| | $CH_2FBr$ | HBFC-31 B1 | Bromofluworometan | 0,73 |
| | $C_2HFBr_4$ | HBFC-121 B4 | Tetrabromofluworoetan | 0,8 |
| | $C_2HF_2Br_3$ | HBFC-122 B3 | Tribromodifluworoetan | 1,8 |
| | $C_2HF_3Br_2$ | HBFC-123 B2 | Dibromotrifluworoetan | 1,6 |
| | $C_2HF_4Br$ | HBFC-124 B1 | Bromotetrafluworoetan | 1,2 |
| | $C_2H_2FBr_3$ | HBFC-131 B3 | Tribromofluworoetan | 1,1 |
| | $C_2H_2F_2Br_2$ | HBFC-132 B2 | Dibromodifluworoetan | 1,5 |
| | $C_2H_2F_3Br$ | HBFC-133 B1 | Bromotrifluworoetan | 1,6 |
| | $C_2H_3FBr_2$ | HBFC-141 B2 | Dibromofluworoetan | 1,7 |
| | $C_2H_3F_2Br$ | HBFC-142 B1 | Bromodifluworoetan | 1,1 |
| | $C_2H_4FBr$ | HBFC-151 B1 | Bromofluworoetan | 0,1 |
| | $C_3HFBr_6$ | HBFC-221 B6 | Eżabromofluworopropan | 1,5 |
| | $C_3HF_2Br_5$ | HBFC-222 B5 | Pentabromodifluworopropan | 1,9 |
| | $C_3HF_3Br_4$ | HBFC-223 B4 | Tetrabromotrifluworopropan | 1,8 |
| | $C_3HF_4Br_3$ | HBFC-224 B3 | Tribromotetrafluworopropan | 2,2 |
| | $C_3HF_5Br_2$ | HBFC-225 B2 | Dibromopentafluworopropan | 2 |

| Grupp | Sustanza | | | ODP |
|---|---|---|---|---|
| | $C_3HF_6Br$ | HBFC-226 B1 | Bromoeżafluworopropan | 3,3 |
| | $C_3H_2FBr_5$ | HBFC-231 B5 | Pentabromofluworopropan | 1,9 |
| | $C_3H_2F_2Br_4$ | HBFC-232 B4 | Tetrabromodifluworopropan | 2,1 |
| | $C_3H_2F_3Br_3$ | HBFC-233 B3 | Tribromotrifluworopropan | 5,6 |
| | $C_3H_2F_4Br_2$ | HBFC-234 B2 | Dibromotetrafluwopropan | 7,5 |
| | $C_3H_2F_5Br$ | HBFC-235 B1 | Bromopentafluworopropan | 1,4 |
| | $C_3H_3FBr_4$ | HBFC-241 B4 | Tetrabromofluworopropan | 1,9 |
| | $C_3H_3F_2Br_3$ | HBFC-242 B3 | Tribromodifluworopropan | 3,1 |
| | $C_3H_3F_3Br_2$ | HBFC-243 B2 | Dibromotrifluworopropan | 2,5 |
| | $C_3H_3F_4Br$ | HBFC-244 B1 | Bromotetrafluworopropan | 4,4 |
| | $C_3H_4FBr_3$ | HBFC-251 B1 | Tribromofluworopropan | 0,3 |
| | $C_3H_4F_2Br_2$ | HBFC-252 B2 | Dibromodifluworopropan | 1 |
| | $C_3H_4F_3Br$ | HBFC-253 B1 | Bromotrifluworopropan | 0,8 |
| | $C_3H_5FBr_2$ | HBFC-261 B2 | Dibromofluworopropan | 0,4 |
| | $C_3H_5F_2Br$ | HBFC-262 B1 | Bromodifluworopropan | 0,8 |
| | $C_3H_6FBr$ | HBFC-271 B1 | Bromofluworopropan | 0,7 |
| Grupp VII (HCFC's) | $CHFCl_2$ | HCFC-21 | Diklorofluworometan | 0,04 |
| | $CHF_2Cl$ | HCFC-22 | klorodifluworometan | 0,055 |
| | $CH_2FCl$ | HCFC-31 | Klorofluworometan | 0,02 |
| | $C_2HFCl_4$ | HCFC-121 | Tetraklorofluworoetan | 0,04 |
| | $C_2HF_2Cl_3$ | HCFC-122 | Triklorodifluworoetan | 0,08 |
| | $C_2HF_3Cl_2$ | HCFC-123 | Diklorotrifluworoetan | 0,02 |
| | $C_2HF_4Cl$ | HCFC-124 | Klorotetrafluworoetan | 0,022 |
| | $C_2H_2FCl_3$ | HCFC-131 | Triklorofluworoetan | 0,05 |
| | $C_2H_2F_2Cl_2$ | HCFC-132 | Diklorodifluworoetan | 0,05 |
| | $C_2H_2F_3Cl$ | HCFC-133 | Klorotrifluworoetan | 0,06 |
| | $C_2H_3FCl_2$ | HCFC-141 | Diklorofluworoetan | 0,07 |
| | $CH_3CFCl_2$ | HCFC-141b | 1,1-Dikloro-1-fluworoetan | 0,11 |
| | $C_2H_3F_2Cl$ | HCFC-142 | Klorodifluworoetan | 0,07 |
| | $CH_3CF_2Cl$ | HCFC-142b | 1-Kloro-1,1-difluworoetan | 0,065 |
| | $C_2H_4FCl$ | HCFC-151 | Klorofluworoetan | 0,005 |
| | $C_3HFCl_6$ | HCFC-221 | Eżaklorofluworopropan | 0,07 |
| | $C_3HF_2Cl_5$ | HCFC-222 | Pentaklorodifluworopropan | 0,09 |
| | $C_3HF_3Cl_4$ | HCFC-223 | Tetraklorotrifluworopropan | 0,08 |
| | $C_3HF_4Cl_3$ | HCFC-224 | Triklorotetrafluworopropan | 0,09 |
| | $C_3HF_5Cl_2$ | HCFC-225 | Dikloropentafluworopropan | 0,07 |
| | $CF_3CF_2CHCl_2$ | HCFC-225ca | 3,3-Dikloro-1,1,1,2,2-pentafluworopropan | 0,025 |
| | $CF_2ClCF_2CHClF$ | HCFC-225cb | 1,3-Dikloro-1,1,2,2,3-pentafluworopropan | 0,033 |
| | $C_3HF_6Cl$ | HCFC-226 | Kloroeżafluworopropan | 0,1 |
| | $C_3H_2FCl_5$ | HCFC-231 | Pentaklorofluworopropan | 0,09 |
| | $C_3H_2F_2Cl_4$ | HCFC-232 | Tetraklorodifluworopropan | 0,1 |
| | $C_3H_2F_3Cl_3$ | HCFC-233 | Triklorotrifluworopropan | 0,23 |
| | $C_3H_2F_4Cl_2$ | HCFC-234 | Diklorotetrafluworopropan | 0,28 |

| Grupp | Sustanza | | | ODP |
|---|---|---|---|---|
| | $C_3H_2F_5Cl$ | HCFC-235 | Kloropentafluworopropan | 0,52 |
| | $C_3H_3FCl_4$ | HCFC-241 | Tetraklorofluworopropan | 0,09 |
| | $C_3H_3F_2Cl_3$ | HCFC-242 | Triklorodifluworopropan | 0,13 |
| | $C_3H_3F_3Cl_2$ | HCFC-243 | Diklorotrifluworopropan | 0,12 |
| | $C_3H_3F_4Cl$ | HCFC-244 | Klorotetrafluworopropan | 0,14 |
| | $C_3H_4FCl_3$ | HCFC-251 | Triklorofluworopropan | 0,01 |
| | $C_3H_4F_2Cl_2$ | HCFC-252 | Diklorodifluworopropan | 0,04 |
| | $C_3H_4F_3Cl$ | HCFC-253 | Klorotrifluworopropan | 0,03 |
| | $C_3H_5FCl_2$ | HCFC-261 | Diklorofluworopropan | 0,02 |
| | $C_3H_5F_2Cl$ | HCFC-262 | Klorodifluworopropan | 0,02 |
| | $C_3H_6FCl$ | HCFC-271 | Chlorofluoropropane | 0,03 |
| Grupp IX (BCM) | $CH_2BrCl$ | BCM | Bromoklorometan | 0,12 |
| Sustanzi ġodda | $CBr_2F_2$ | Halon-1202 | Dibromodifluworometan | 1,25 |
| | $C_3H_7Br$ | n-PB | 1-Bromopropan (bromur tal-n-propil) | 0,02 — 0,10 |
| | $C_2H_5Br$ | EB | Bromoetan (bromur tal-etil) | 0,1 — 0,2 |
| | $CF_3I$ | TFIM | Trifluworojodometan (jodur tat-trifluworometil) | 0,01 — 0,02 |
| | $CH_3Cl$ | MC | Klorometan (klorur tal-metil) | 0,02 |